MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 79/2010

**Cecil Pace**
**(ID 316030M)**

***kontra***

**(1) Onorevoli Prim Ministru,**
**(2) Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fl-14 ta` Dicembru 2010 li jaqra hekk –

*Illi l-esponent huwa parti f`madwar ghoxrin (20) kawza civili li hemm pendenti quddiem il-Qrati ta` pajjizna,*

*presjeduti minn Imhallfin differenti. Dawn il-kawzi civili saru kontra l-Kontrolluri li minn zmien ghal zmien kienu gew mahtura ghall-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited ;*

*Illi fost dawn il-kawzi hemm Citazzjoni Numru 328/89, 174/89, 146/89, 641/01, 1106/86, 260/89, 311/89, 291/89, 404/89, 23/08, 206/89, 235/89, 682/91, 452/89, 501/89. Uhud minn dawn il-kawzi civili jinsabu diga` differiti ghas-sentenza ;*

*Illi recentement, bi qbil bejn il-partijiet u b`ordni tal-Qorti Civili Prim`Awla gie mfassal pjan sabiex isiru ghadd konsiderevoli ta` seduti f`perijodu ta` zmien qasir, minn dan ix-xahar ta` Ottubru sa Dicembru ta` dina s-sena, bil-ghan li dawn il-kawzi kollha, li ilhom pendenti ghal hafna snin, jinghataw spinta kbira lill-parti l-kbira taghhom. B`hekk, wara li fi zmien relattivament qasir ikunu ngabru l-provi kollha li fadal biex jitressqu, il-kawzi jkunu jistghu jigu ttrattati u decizi. L-ghan ta` dan huwa li kemm jista` jkun jigi rispettat id-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli ;*

*Illi b`kuntrast ma` dan kollu, issir riferenza ghall-kawza Citazzjoni Numru 235/89GCD fejn l-andament tal-kawza mhux qed iwassal ghal smigh fi zmien ragonevoli, kif jigi muri ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Illi f`Gunju ta` din is-sena, ftit qabel ma ghalqet is-sena forensi, is-Sinjurija Tieghu l-President tal-Qorti ordna li l-kawzi kollha tal-esponent jigu differiti sabiex ikomplu jinstemghu minn Imhallef wiehed partikolari, jigifieri l-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo ;*

*Illi apparti li decizjoni bhal din ma hemm l-ebda precedent ghaliha peress illi l-kawzi civili jkomplu jinstemghu mill-istess Imhallef sakemm ma tinqalax xi cirkostanza valida fil-ligi li timpedixxi milli jsir hekk bhal*

*meta Imhallef jirtira minhabba l-eta`, is-sostituzzjoni ta` Imhallef sedenti permezz ta` Imhallef iehor sedenti tmur kontra l-artikoli 733 u 734 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, li jipprovdu ghal sostituzzjoni ta` Imhallef fil-kaz biss li jkun hemm raguni kontemplata fil-ligi ghal astensjoni jew rikuza ta` Imhallef ;*

*Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ta` pajjizna gia` kienet stabbiliet principji sodi fir-rigward ta` haga bhal din, meta ddikjarat il-Qorti tal-Appell temporanja bhala antikostituzzjonali ;*

*Illi m`hemm xejn hazin filli l-Prim Imhallef ikollu s-setgha li jassenja x-xoghol kif mehtieg mil-lat amministrattiv. Izda qatt ma kienet jew qatt ghandu jkun illi, waqt li l-kawza tkun qed tinstema` minn Imhallef, ikun min ikun, dan jigi sostitwit minghajr ma jkun hemm raguni serjissima sabiex issir bidla bhal din. Hu proprju ghalhekk illi d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 dwar astensjoni jew rikuza ta` Imhallef jigu applikati rigorozament u bl-aktar mod strett ;*

*Illi skond il-gurisprudenza ta` pajjizna kif ukoll dik ewropea, il-gustizzja mhux biss trid issir izda ghandu jidher li qieghda ssir, u dan minghajr l-ebda indhil mhux gustifikat fl-andament tal-kawzi. It-tnehhija ta` kawza minn quddiem Imhallef sabiex tigi assenjata lil Imhallef iehor tista` taghti lok ghal abbuz serju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja sakemm ma jkunx hemm gustifikazzjoni kompleta ghala jkun qed isir hekk. Din mhix biss kwistjoni ta` apparenza izda kwistjoni ta` sustanza ;*

*Illi d-dispozizzjoni fir-Rules of Court li taghti lill-Prim Imhallef dina s-setgha li jnehhi l-kawzi kollha ta` xi persuna jew entita` partikolari minn quddiem gudikant jew gudikanti u li jordna li dawn jinstemghu kollha minn gudikant iehor partikolari, in sostituzzjoni tal-gudikanti precedenti, jmur kontra l-garanzija ta` smigh xieraq minn*

*tribunal indipendenti u imparzjali u ghalhekk qieghda tigi attakkata ;*

*Illi kwazi erbghin (40) sena ilu l-esponent gie mnezza u svestit mill-proprjeta` privata tieghu u mill-assi sostanzjali kollha tieghu minghajr rendikont u minghajr ma l-amministratur gie marbut li jaghti kont ta` ghemilu, u dan bi pregudizzju serju ghal dawk kollha interessati. Ghalhekk, huwa dritt fondamentali tieghu li jkollu smigh xieraq fil-kawzi kollha tieghu u mhux dawn il-kawzi kollha jintbaghtu minn quddiem diversi Imhallfin ghal quddiem Imhallef wiehed bhalhom bhallikieku biex jiddisponi minnhom. Dina l-mizura hija palesament kontra r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk tikkostitwixxi theddida serja ghad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli ;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tizgura t-twettiq tad-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq garantit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319) billi –*

*(1) tiddikjara illi l-ordni biex il-kawzi kollha tal-esponent jigu ri-assenjati bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 dwar astensjoni jew rikuza ta` l-Imhallfin u ghalhekk tivvjola d-dritt fondamentali ta` l-esponent ghal smigh xieraq u hija minnha nfisha diskriminatorja ;*

*(2) tiddikjara illi d-dispozizzjoni tal-Kapitolu 12 u r-Rule of Court mahruga tahtha li taghti lill-Prim Imhallef dina s-setgha li jnehhi l-kawzi kollha ta` xi persuna jew entita` partikolari minn quddiem gudikant jew gudikanti u li jordna li dawn jinstemghu kollha minn gudikant iehor partikolari, in sostituzzjoni tal-gudikanti precedenti, senjatament is-subinciz (7) ta` l-artikolu 29 tal-Kapitolu 12 kif applikat fil-kaz prezenti, jmur kontra r-Rule of Law u*

*jmur kontra wkoll il-garanzija ta` smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali; u konsegwentement;*

*(3) tordna t-thassir ta` l-ordni biex il-kawzi kollha tieghu ma jkomplux jinstemghu quddiem l-Imhallfin li bhalissa qeghdin jisimghuhom izda jigu ri-assenjati lil Imhallef wiehed, u*

*(4) tordna li l-kawzi jergghu jitqeghdu kif kienu qabel ma hareg dan l-ordni antikostituzzjonali.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta prezentata fit-<u>12 ta` Jannar 2011</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament qed jigi eccepit li r-rikorrent ghad ghandu rimedju ordinarju li m`ezawriex qabel beda din il-procedura kostituzzjonali. Ir-rikorrent donnu qed isib diffikulta` bil-fatt li s-smigh tal-kawzi kollha tieghu se jsir mill-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo u qed jallega a priori li dan il-fatt se jilledilu d-drittijiet fundamentali tieghu. L-esponenti jissottomettu li r-rikorrent jista` facilment jitlob ir-rikuza tal-istess Imhallef jekk ihoss illi c-cirkostanzi tal-kaz tieghu jistghu legalment jeradikaw tali talba. Ladarba dan ir-rimedju ghad mhux ezawrit, din l-Onorabbli Qorti hi mistiedna tuza d-diskrezzjoni taghha u tastjeni milli tisma` dan il-kaz, ai termini tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet stante l-ezistenza ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;*

*2. Illi fil-mertu m`hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni Ewropea u dan kif se jkun spjegat aktar 'l isfel -*

*3. Illi jibda biex jinghad li l-kawzi kollha msemmija mir-rikorrent u li kienu trasferiti ghal quddiem Imhallef wiehed, jittrattaw bank, li fi zmienu hafna persuni f`Malta ddepozitaw gidhom fih u li hafna nies kellhom flejjes kbar jew ammonti ohra li huma gemmghu bis-sagrificcju u bl-gharaq ta` xbinhom investitit mieghu. Ghalhekk hawn numru kbir ta` nies li ghandhom pretensjonijiet x`jaghmlu kontra l-bank u d-dirigenti tieghu u li qed jistennew li l-kaz ta` dan il-bank ikun maghluq u huma jiehdu dak li hu taghhom. Iktar kemm idumu dawn il-kawzi in kwistjoni, potenzjalment iktar dawn in-nies idumu ma jiehdu flushom lura. Dawn il-kawzi ghalhekk ghandhom riperkussjonijiet li huma mifruxa hafna u jolqtu hafna nies u ghalhekk hu importanti hafna li jsir dak kollu necessarju biex dawn il-kawzi jintemmu fl-iqsar zmien possibbli. Ir-rikorrent jilmenta li l-Prim Imhallef ghazel il-kawzi tieghu u li din il-haga qatt ma grat. Pero` l-esponenti jistaqsu kemm kien hawn banek f`Malta li spiccaw f`din is-sitwazzjoni u kemm minnhom kellhom iktar minn ghoxrin kawza miftuha dwarhom ? Certament in-numru kbir ta` kawzi fuq l-istess materja u meta wiehed izomm f`mohhu li si tratta ta` bank, bl-effett mifrux fuq hafna nies u fuq is-sistema bankarju kollha tal-pajjiz u l-fiducja li n-nies taghti lill-banek, allura dan kollu jaghmel dawn il-kawzi unici. U ghax kien hemm din is-sitwazzjoni, allura c-cirkostanza kienet denja biex il-Prim Imhallef jiehu l-mizuri necessarji biex dawn il-kawzi (li gia twalu zzejjed) ma jibqghux jitwalu u jkunu decizi bl-aktar mod efficjenti possibbli. Il-Prim Imhallef agixxa skond il-ligi u uza l-poter li ghandu fl-artiklu 29(8) tal-Kap. 12 biex jaghmel dak kollu li jista` sabiex il-kawzi jinqatghu u ma jibqghux in perpetwu jistennew wahda lill-ohra. Jinghad ukoll bhala analogija, li fil-ligi li tirregola l-falliment, hemm ukoll provediment biex talbiet differenti jingiebu flimkien u jinstemghu u jkunu decizi bhala parti minn process wiehed u dan sabiex il-falliment jigi konkluz minghajr proliferazzjoni ta` kawzi u jinghalaq kemm jista` jkun f`qasir zmien u b`efficjenza ;*

*4. Illi rigward ir-raguni ghaliex il-Prim Imhallef baghat il-kawzi kollha quddiem l-Imhallef Caruana Demajo, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma jghidx ghaliex qed isib diffikulta` b`dan il-fatt. Ovvjament ir-rikorrent (kif gia` nghad fl-eccezzjoni preliminari tieghu) jista` dejjem jitlob ir-rikuza tal-Imhallef sedenti jekk jidhirlu li hekk ikun xieraq. Pero` jista` jaghti l-kaz li r-raguni ghaliex intaghzel dan l-Imhallef kienet peress li jaddotta s-sistema ta` 'trial' li tista` fl-ahhar twassal ghall-konkluzjoni tal-hafna kawzi in kwistjoni. L-ghan wara l-mizura ta` amministrazzjoni tal-kawzi billi dawn jintbaghtu quddiem imhallef wiehed huwa car illi huwa li jithaffu l-kawzi li s`issa karkru, haga li donnu r-rikorrenti jilmenta dwarha, pero` li donnu r-rikorrent fl-istess nifs ma jixtieqx li tigri ;*

*5. Illi mbaghad, rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-kawza 235/89 miexja bil-mod izzejjed, ir-rikorrent ma jaghtix dettalji dwar kif allegatament dan qed isir. Jista` pero` jaghti l-kaz li d-dewmien hu dovut lill-agir jew nuqqas ta` agir tar-rikorrent innifsu u ghalhekk din l-allegazzjoni trid tkun sostnuta bi provi biex tkun tista` tigi kkunsidrata ;*

*6. Illi r-rikorrent ukoll irid jipprova li din il-kawza mhix ezercizzju akkademiku sempliciment biex jimpunja l-artiklu 29(8) in abstracto [Ir-rikorrent jattakka s-subartiklu 29(7) tal-Kap. 12. Wiehed jifhem li kien qed jirreferi ghas-subartiklu 29(8)]. Irid jipprova li huwa 'vittma' ta` dan l-agir u li verament se jsofri ksur tad-dritt fundamentali tieghu ta` smigh xieraq permezz ta` dan il-provvediment. L-esponenti jissottomettu li dan l-element ma jimmanifesta ruhu bl-ebda mod fir-rikors promotur ;*

*7. Illi mbaghad rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent li qed isofri ksur tad-dritt ta` smigh xieraq b`dawn ic-cirkostanzi, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma jispecifikax kif dan qed isir u ghalhekk hu ghandu jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu. Pero` jekk wiehed jassumi li l-allegazzjoni tar-rikorrent tittratta dwar dik il-*

*parti tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni li jittratta dwar smigh minn tribunal indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli, l-esponenti jissottomettu s-segwenti -*

*a. rigward smigh minn tribunal imparzjali u indipendenti, il-fatt li kawzi se jinstemghu minn imhallef u mhux minn iehor m`ghandux b`daqshekk ifisser li l-gudikant mhux se jibqa` imparzjali ;*

*b. jekk ir-rikorrent ghandu problema bl-ghazla ta` dan il-gudikant partikolari, allura xejn ma jzommu li jirrikuzah u l-ligi tipprovdi fid-dettall ghar-ragunijiet fejn dan jista` jsir ma jzommu li jirrikuzah u l-ligi tipprovdi fid-dettall ghar-ragunijiet fejn dan jista` jsir ;*

*c. rigward smigh fi zmien ragonevoli, l-esponenti jissottomettu li l-mizura li l-Prim Imhallef ha u li ghandu poter jiehu skont l-artiklu 29 hi intenzjonata biex proprju tghin biex il-hafna kawzi tar-rikorrent jinstemghu u jkunu decizi bl-iktar mod efficjenti possibbli fic-cirkostanzi ;*

*d. certament illi ma jezisti ebda dritt fondamentali illi wiehed jinonda lill-Qorti b`hafna kawzi bl-effett, jekk mhux bl-iskop, illi dawn jibqghu pendenti ghal dejjem minhabba l-konfuzjoni li tista` tinholoq mill-fatt illi l-kawzi ikunu qeghdin jinstemghu minn hafna Imhallfin b`sistemi differenti ta` smigh ;*

*8. Illi jinghad ukoll li d-decizjoni tal-Prim Imhallef li jibghat dawn il-kawzi kolha quddiem gudikant wiehed m`ghandhiex x`taqsam ma` dak li tipprovdi l-ligi dwar sostituzzjoni ta` Imhallef jew rikuza tieghu. M`hemm l-ebda kaz ta` astensjoni jew rikuza f`dawk il-kawzi kollha u ghalhekk il-Prim Imhallef agixxa biss fl-ambitu tal-poter li jaghtih il-Kap. 12 li jqassam ix-xoghol bejn il-gudikanti fl-interess ta` l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u mkien m`agixxa a bazi tal-artiklu 733 u 734 tal-Kap. 12.*

*Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.*

Rat il-verbal tal;-udjenza tas-17 ta` Jannar 2011 (fol 13 u 14).

Semghet ix-xhieda tal-Av. Dr. Malcolm Pace, tar-rikorrent u tar-Registratur – Qrati Civili u Tribunali fl-udjenza tal-11 ta` April 2011, u rat id-dokumenti li kienu esebiti bhala prova waqt din l-udjenza.

Rat li r-rikorrent ghalaq il-provi tieghu fl-udjenza tal-11 ta` April 2011.

Rat in-nota tal-intimati tal-25 ta` April 2011 (fol 39) fejn iddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta` Lulju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-ahhar udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Fix-xhieda tieghu, **l-Av. Dr. Malcolm Pace** (iben ir-rikorrent) fisser li l-ghadd ta` kawzi li r-rikorrent ghandu mal-kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture ("BICAL") u ta` l-kumpanniji ohra kontrollati fejn ir-rikorrent kellu interess dirett ilhom jinstemghu ghal snin twal u kienu mxerrdin bejn diversi Imhallfin. Matul is-sena l-ohra, bil-ghan li jithaffef s-smigh ta` dawn il-kawzi,

il-partijiet stess kienu qablu fuq programm ta` seduti, specjalment fil-kawzi li kienu qeghdin jinstemghu mill-Onor. Imhallef Gino Camilleri. Kawza wahda biss kienet qeghda tinstema` mill-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo u cioe` dik bin-Nru.235/89. Skond ix-xhud, f`dik il-kawza ma kien qed isir xejn; tant li damu sentejn jistennew risposti ghal domandi li kienu saru lill-ex kontrollur l-Av. Karmenu Mifsud Bonnici u lill-kontrollur prezenti Raymond Gatt.

L-Av. Pace kompla jixhed li qabel dak mertu tal-kawza tal-lum, kien sar tentattiv iehor bis-sahha tal-Kap.383 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex il-kawzi tal-BICAL u tal-kumpanniji kontrollati minflok jibqghu jinstemghu mill-Qrati jinstemghu minn Bord. Kienet saret kawza fl-ismijiet "*Cecil Pace et vs l-Avukat Generali*" fejn b`sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-2003 kien deciz *inter alia* li l-kawzi jibqghu jinstemghu mill-Qrati. Kompla jixhed li l-progress tal-kawzi kien limitat hafna. Id-dewmien kien qieghed jikkostitwixxi ksur ghad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq. Fl-istess waqt ir-r-rikorrent ma kien se jgawdi minn ebda beneficcju jew vantagg bil-fatt li l-kawzi kollha kienu sejrin jinstemghu u jigu decizi minn Imhallef wiehed, tenut kont li l-kawzi, ghalkemm imferrxin bejn diversi Imhallfin, kienu qeghdin jinstemghu (skond ix-xhud, ghajr ghal dik quddiem l-Onor. Imhallef Caruana Demajo) u allura kull Gudikant kien se jkun f`qaghda li jizen il-provi sabiex fil-waqt opportun jaghti decizjoni.

Skond ix-xhud, *bl-ebda raguni valida li nghatat f`daqqa wahda dawn b`daqqa ta` pinna gew trasferiti quddiem gudikant iehor* (fol 21). Dak il-fatt wahdu kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq.

Ix-xhud allega illi *s-smigh tal-kawzi tieghu* (u cioe` tar-rikorrent) *b`dan il-mod kienu qed jigu manuvrati minn wara l-kwinti u li allura l-gustizzja mhux biss qed issir imam trid tidher li qed issir.* (fol 22)

Dr. Pace allega wkoll li *ilna ghaddejjin fi trattattivi mal-istess kontrollur prezenti kif ukoll mal-awtoritajiet ikkoncernati fosthom l-MFSA biex insibu soluzzjoni ghal dan kollu, u ripetutament qed issir pressjoni iebsa fuq ir-rikorrent sabiex propju jcedi dawn il-kawzi, qabel ma nistghu nimxu `l quddiem.* (fol 24).

Mistoqsi in kontroezami jekk ir-rikorrent kienx talab ir-rikuza tal-Onor. Imhallef Caruana Demajo, ix-xhud wiegeb hekk – *Ma nistax nitlob rikuza ta` Imhallef jekk ma hemmx ragunijiet validi biex jien nista` nirrikuzah.*

Fix-xhieda tieghu, **ir-rikorrent** ikkonferma l-kontenut tar-rikors promotorju u pprezenta **Dok CP1** li huwa dokument msejjah *Magna Carta of Judges* mahrug mill-*Consultative Council of European Judges* tal-Kunsill tal-Ewropa.

**Frank Mercieca**, Registratur – Qrati Civili u Tribunali, ipprezenta **Dok FM1** u cioe` lista tal-kawzi kollha de qua li b`ordni tal-Prim`Imhallef tal-25 ta` Gunju 2010, skond l-Art.29(8) tal-Kap.12, kienu trasferiti *en bloc* sabiex jinstemghu u jigu decizi mill-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo.

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrent qieghed jibbaza l-istanza tieghu fuq l-**Art.6 tal-Konvenzjoni** Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni") li taghmel parti mil-ligi taghna bis-sahha tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghall-fini tal-kawza tal-lum, il-parti **rilevanti** ta` dan l-artikolu huwa **l-ewwel subinciz (1)** li jaqra hekk -

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigororament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

**Ghalkemm fit-tieni talba, ir-rikorrent qieghed jitlob l-impunjazzjoni tas-seba` (7) subinciz tal-Art.29 tal-Kap.12, huwa ben evidenti li fir-realta`, huwa qieghed jirreferi ghas-subinciz (8) tal-istess Art.29, u dan mhux biss mill-mod kif hija redatta t-talba, kif ukoll mill-mod kif imposta l-provi tieghu.**

**<u>L-Art.29(7) tal-Kap.12</u>** jaqra hekk -

*Minghajr hsara ghad-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, u ghal kull regola jew regolament maghmulin bis-sahha tieghu, l-imhallfin u l-magistrati ghandhom is-setgha li jirregolaw it-tmexxija tal-procedimenti u tas-smigh tal-kawzi fil-qrati rispettivi li fihom joqoghdu, u li jaghtu ordnijiet dwar il-bon ordni*
*fis-seduti tal-qorti, skont il-ligi.*

**<u>L-Art.29(8) tal-Kap.12</u>** jaqra hekk –

*Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7), il-Prim Imhallef jista', fid-diskrezzjoni*

*tieghu, jittrasferixxi kull kawza minn qorti ghal ohra : Izda fl-ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni l-Prim Imhallef ghandu jiddiskuti l-kwistjoni mal-imhallfin jew il-magistrati interessati, jew waqt xi wahda mil-laqghat imsejha skont is-subartikolu.*

**Ikkunsidrat :**

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, ir-rikorrent (tramite d-difensur tieghu) qal li dik tal-Prim` Imhallef fil-kaz in kwistjoni kienet mizura *ad hominem.* Fil-fatt kienu *singled out* il-kawzi kollha tieghu mhux ta` persuni ohra li ghandhom hafna kawzi pendenti quddiem il-Qrati. Skond ir-rikorrent, il-kwistjoni hija wahda ta` *rule of law* fis-sens li una volta Imhallef jigi *seized* (kliem l-avukat) minn kawza, dik il-kawza ghandha tibqa` ghandu u xejn ma ghandu jaqlaghha minn mieghu hlief meta jaghti decizjoni.

Ir-rikorrent ghamel riferenza ghall-*magna carta of judges* (Dok CP1). Skond ir-rikorrent dak id-dokument ghadda mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa u allura kien vinkolanti fuq l-Istati membri. In partikolari ghall-kaz tal-lum irrefera ghar-Regola 22. U jghid li bl-azzjoni tieghu huwa kien qieghed mhux biss jattakka l-mod kif kien ezercitat ic-caqlieq tal-kawzi izda anke d-disposizzjoni stess illi tat dik is-setgha.

Skond ir-rikorrent, l-ghazla tal-Imhallef partikolari sabiex jisma` l-kawzi kienet infelici. Ma setax il-Prim` Imhallef johrog b`*terzium mandatur* u cioe` jivvinta mod iehor kif kawza tittiehed minn quddiem Imhallef li qed jismaghha u jghaddiha lil Imhallef iehor sabiex jismaghha hu. L-Art.6 tal-Konvenzjoni jipprotegi lic-cittadin milli jigi trattat b' dan il-mod. Ir-*rule of law* ma jippermettix li kawzi jsiru qishom *musical chairs*.

Dak li kien qieghed jigi nvokat fil-kawza tal-lum ma jistax jixxiebah ma` dak fejn Imhallef jiccaqlaq minn Qorti ghal ohra. Skond ir-rikorrent, dak huwa fenomenu li huwa mpost mic-cirkostanzi u kulhadd irid jaccettah. Fl-istess waqt pero` il-parti ghandha salvagwardji. Fil-kaz tal-lum, ghandek kawzi li diga` qeghdin jinstemghu, qeghdin jimxu ‘l quddiem u avvanzaw hafna biex jigu decizi.

Ir-rikorrent isostni l-principju li *justice must not only be done but it must also be seen to be done*.

<u>Fis-sottomissjonijiet finali taghhom, l-intimati</u> jsostnu li l-Prim` Imhallef uza r-Rules of Court kif kellu kull jedd jaghmel sabiex jigbor numru ta’ kawzi flimkien. Ma ghandux ikun hemm dubju li l-uniku skop li kellu kien li ghax dawk il-kawzi qeghdin jigu trattati quddiem Imhallef wiehed, ikunu jistghu jigu decizi aktar malajr.

Dwar il-kritika tar-rikorrent ghall-ghazla partikolari ta` l-Onor. Imhallef Caruana Demajo, l-intimati sostnew li l-kummenti dwaru kienu *unfair*.

L-intimati kienu tal-fehma li l-kawzi tal-BICAL huma sensittivi hafna, u laqtu prattikament il-pajjiz kollu minhabba l-implikazzjonijiet finanzjarji taghhom. Sensittiva ghalhekk kienet id-decizjoni tal-Prim` Imhallef li jipprova jassigura l-heffa fis-smigh ta` dawn il-kawzi. Fic-cirkostanzi bl-ebda mod ma kien hemm ksur tad-dritt ghal smigh xieraq.

**Ikkunsidrat :**

L-eccezzjonijiet tal-intimati kienu fil-mertu **<u>hlief</u>** ghal wahda u cioe` l-ewwel eccezzjoni li kienet ta` natura preliminari.

Bl-ewwel eccezzjoni l-intimati jikkontendu li r-rikorrent ma ezawriex ir-**rimedju ordinarju** tieghu qabel istitwixxa din l-istanza kostituzzjonali ghaliex, skond l-intimati, jekk l-allegata lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq kienet kostitwita mill-ghazla tal-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo biex jisma` u jiddeciedi l-kawzi kollha tal-BICAL, ir-rimedju tar-rikorrent ma kienx l-istanza kostituzzjonali izda r-rikuza tal-istess Imhallef.

Fil-ligi tal-procedura ta` pajjizna, ir-ragunijiet ghar-rikuza jew l-astensjoni ta` Imhallef huma regolati bl-**Art.733 et seq tal-Kap.12**.

**L-Art.733 tal-Kap.12** jaqra hekk -

*L-imhallfin ma jistghux jigu rrikuzati u lanqas jistghu jastjenu ruhhom milli joqoghdu f'kawza migjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma mahtura biex joqoghdu, hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet hawn wara msemmijin.*

Isegwi mbaghad l-**Art.734** li jghid hekk -

*(1) L-imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza -*

*(a) jekk ikun qarib mid-demm jew bi zwieg, f'linja dritta, ma' wahda mill-partijiet ;*

*(b) jekk ikun qarib mid-demm fil-grad ta' hu, ziju jew neputi, pro-ziju jew pro-neputi jew kugin, ta' wahda mill-partijiet, jew qarib bi zwieg fi grad ta' hu, ziju jew neputi, ta' wahda mill-partijiet ;*

*(c) jekk ikun tutur, kuratur, jew werriet prezuntiv ta' wahda mill-partijiet; jew ikun jew kien prokuratur ta' wahda mill-partijiet fil-kawza; jekk ikun l-amministratur ta'*

*stabbiliment jew socjetà fil-kawza, jew jekk wahda mill-partijiet tkun il-werrieta prezuntiva tieghu ;*

*(d) (i) jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha,*

*(ii) jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru :*

*Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles ab observantia,*

*(iii) jekk ikun hareg flus ghall-kawza,*

*(iv) jekk ikun xehed, jew jekk wahda mill-partijiet tkun bi hsiebha ssejjahlu bhala xhud ;*

*(e) jekk hu, jew il-mara tieghu, jew ir-ragel taghha, ikollhom interess dirett jew indirett dwar kif tinqata` l-kawza ;*

*(f) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imhallef ikun ibnu jew bintu stess, ir-ragel taghha jew il-mara tieghu jew axxendent tieghu ;*

*(g) jekk l-avukat jew prokuratur legali li jkun qed jidher quddiem imhallef ikun hu jew oht l-istess gudikant ;*

*(h) jekk l-imhallef jew ir-ragel taghha jew il-mara tieghu jkollhom kawza pendenti kontra xi wahda mill-partijiet fil-kawza jew ikun kreditur jew debitur ta' xi parti fil-kawza b'mod li jista' ragonevolment jaghti lok ta' suspett ta' interess dirett jew indirett li jista' jinfluwenza l-ezitu tal-kawza.*

*(2) L-imhallef jista' jigi rikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod f'kawza meta l-kawza tkun ga giet quddiemu u hu jkun tkellem fuq l-istess merti ta' dik il-*

*kawza meta kien qed joqghod bhala mhallef fil-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja.*

Din il-Qorti dehrilha li kellha ticcita *verbatim* dawn iz-zewg disposizzjonijiet propju ghaliex, fuq l-iskorta ta` dak li rrizulta bhala prova fil-kawza tal-lum, l-ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-**Art.734** ma tista` tigi applikata ghall-fattispeci ta` l-istanza tar-rikorrent. L-istess rikorrent jaccetta li dak huwa l-kaz (ara x-xhieda tal-Av. Dr. Malcolm Pace *supra*). Ir-rikuza mhix haga ta` konvenjenza izda ta` Gustizzja u ghalhekk sabiex wiehed jirrikorri ghaliha, ir-raguni trid tkun fondata ; altrimenti taghti lok ghall-abbuz.

**Fuq il-pjan tad-dritt**, din il-Qorti tirrileva li l-possibilita` ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ghal allegat ksur ta' jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni ta' l-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-ezistenza ta' rimedju iehor hija decizjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li jezisti rimedju iehor **effettiv** lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera li ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha. F'kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment. Izda anke f'kaz li jirrizulta li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma ccedix l-esercizzju tas-setgha taghha. Id-diskrezzjoni li l-Qorti ghandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett. Din id-diskrezzjoni ghandha tkun uzata dejjem fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex minn naha wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b`kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.

L-esistenza ta' rimedju iehor, jekk inhu l-kaz, ghandha titqies fil-kuntest tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur. Ma hemmx ghalfejn li, sabiex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.

Diversi kienu s-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn kien determinati l-principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji, hemm li –

(a) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.

(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta' din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.

(d) In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.

(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.

(f) L-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.

(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.

Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b'mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta` dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat.

Ghall-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti ssib il-konfort ta' dawn is-sentenzi : Qorti Kostituzzjoni - 31.5.1999 –"**Zahra vs Awtorita' tal-Ippjanar"** (Kollez. Vol:LXXXIII.i.179) ; Qorti Kostituzzjonali - 27.2.2003 – "**Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et" ;** Qorti Kostituzzjonali - 5.4.1991 – "**Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Kollez. Vol:LXXV.i.106) ; Qorti Kostituzzjonali - 7.3.1994 **–** "**Vella vs Bannister et"** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.48) ; Qorti Kostituzzjonali -12.12.2002 **– "Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 14.5.2004 – "**Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku";** Qorti Kostituzzjonali – 31.10.2003 – "**Mediterranean Film**

**Studios Limited vs Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 9.10.2001 – "**McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et"** ; Qorti Kostituzzjonali – 25.6.1999 – "**Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et"** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201) ; Qorti Kostituzzjonali – 7.4.2000 – "**Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et"**.; Qorti Kostituzzjonali – 31.5.2000 – "**Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et**" **;** Qorti Kostituzzjonali – 16.1.2006 – "**Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs"** ; Qorti Kostituzzjonali – 6.1.2006 – "**Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 13.4.2007 – **"Green et v. Avukat Generali et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 7.9.2007 – **"Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 27.2.2009 **– "Xuereb et v. Direttur tax-Xogholijiet et"** ; Qorti Kostituzzjonali – 15.1.1991 – "**Balzan v. Prim Ministru et ;** Qorti Kostituzzjonali **–** 14.6.1995 **– "Briffa v.Kummissarju tal-Pulizija".**

Meta tapplika l-premess ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid, minghajr esitazzjoni, li ghar-rikors konvenzjonali in esami, l-intimati ma jistghux jinvokaw l-eccezzjoni li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedju ordinarju tieghu ghaliex ma jirrizultax li r-rikuza tal-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo kienet rimedju effettiv disponibbli ghar-rikorrent.

Fis-sentenza taghha fil-kawza "**Cyprus vs Turkey**" (2001/1V), il-Qorti ta' Strasbourg qalet hekk –

*The Court further recalls that, in the area of the exhaustion of domestic remedies, there is a distribution of the burden of proof. In the context of the instant case, it is incumbent on the respondent Government claiming non-exhaustion to satisfy the Court that the remedy was an effective one available in theory and in practice at the relevant time, that is to say, that it was accessible, was one which was capable of providing redress in respect of the aggrieved individuals' complaints and offered reasonable prospects of success.*

Din il-Qorti tghid li fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, rimedju effettiv sabiex jindirizza l-lanjanza tieghu, ir-rikorrenti ma kellhux ghajr li jirrikorri lejn din il-Qorti.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni preliminari u cioe` l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.**

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti diga` rrilevat li r-rikorrent qieghed isejjes l-istanza tieghu fil-mertu fuq l-**Art.6(1) tal-Konvenzjoni**.

L-awturi **Harris, O`Boyle & Warbrick tal-ktieb "Law of the European Convention on Human Rights" - Second Edition – 2009 – Oxford** ighidu hekk **-**

**In linea ta` principju** fil-pagna **201** –

*The Court* (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) *has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively*" (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*).

Ikomplu fil-pagna **202** illi –

*The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct,* ***with national courts***

***__being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial__***. (enfasi ta` din il-Qorti)

Izjed fil-pagna **__204__** –

***In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of __“actual prejudice”__ to the applicant.***
(enfasi ta` din il-Qorti)

Fil-pagna **__224__** jinghad –

*Article 6 does not control the content of a state`s national law ; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*

Imbaghad aktar lura fil-pagna **__251__** –

*The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, **__which applies to civil as well as criminal proceedings__**,* (enfasi ta` din il-Qorti) *requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*.

L-awturi **Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak** fil-ktieb **__“Theory and Practice of the European Convention on Human Rights__” - Fourth Edition – Intersentia – 2006** jaghmlu din l-analizi -

Fil-pagna **__578__** –

*When is a hearing fair ?  In the Kraska case* (sentenza tad-19 ta` April 1993) *the Court took as a starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia "to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision.*

Fil-pagna **602** –

*The purpose of the reasonable-time requirement of Article 6(1) however is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judiocial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position.*

**Rilevanti ferm** ghall-kawza tal-lum huwa dak li jinghad fil-pagna **607** –

*… only delays attributable to the state may cause a violation of the reasonable-time requirement.  In particular the efforts the judicial authorities have made to expedite the proceedings as much as possible are an important factor.*

Fis-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza **"Findlay v. United Kingdom"** tal-25 ta` Frar 1997 inghad hekk dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` ta` tribunal -

*(a)   The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard must be had 'inter alia' to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.*

*(b)   As to the question of "impartiality", there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be*

*subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect.*

Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghall-hekk imsejha *Magna Carta of Judges* mahrug mill-*Consultative Council of European Judges* u esebit bhala Dok CP1 (minn fol 28 sa fol 35).

Din il-Qorti kkonsultat is-sit elettroniku *Consultative Council of European Judges* ( li huwa - www.coe.int/t/dghl/cooperation/ccje/default_en.asp) u *inter alia* sabet dan it-taghrif –

*The rule of law is one of the main values upheld by the Council of Europe and the judiciary is its cornerstone. It was to strengthen the role of judges in Europe that the Committee of Ministers set up the Consultative Council of European Judges. The Consultative Council of European Judges is an advisory body of the Council of Europe on issues related to the independence, impartiality and competence of judges. It is the first body within an international organisation to be composed exclusively of judges, and in this respect, it is unique in Europe. By establishing the Consultative Council of European Judges, the Council of Europe highlighted the key role of the judiciary in exploring the concept of democracy and the rules by which it operates.*

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti qieset b`reqqa r-ragunijiet li gab ir-rikorrent sabiex bl-azzjoni tieghu jimpunja kemm id-disposizzjoni kif ukoll id-decizjoni li biha l-Onor. Prim` Imhallef caqlaq minn quddiem diversi Imhallfin ghal quddiem Imhallef wiehed il-kawzi kollha li ghadhom pendenti fejn hemm involut il-BICAL jew il-kumpanniji li

jaqghu taht il-Kontrollur u li fihom r-rikorrent ghandu interess. U, minghajr l-icken esitazzjoni, tghid li la d-disposizzjoni *ut sic* u lanqas id-decizjoni *per se* tal-Onor. Prim` Imhallef ma huma sejrin jiksru dak li jipprovdi l-Art.6(1) tal-Konvenzjoni, u lanqas ma huma se jgibu fix-xejn il-principju li l-Gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qeghda ssir.

Bid-decizjoni tal-Onor. Prim` Imhallef skond l-Art.29(8) tal-Kap.12 li l-kawzi in kwistjoni jigu trattati u decizi minn Imhallef wiehed, minflok jibqghu mxerrdin fost diversi Imhallfin, din il-Qorti tghid li baqghu tutelati xorta d-drittijiet u l-garanziji **kollha** (minghajr eccezzjoni) tal-partijiet ghal smigh xieraq. Ghall-istess raguni, id-disposizzjoni *per se* bl-ebda mod ma xxellef it-tuteli li jesigi d-dritt ghal smigh xieraq.

Bhala fatt l-*iter* ta` kull kawza se jkompli quddiem l-Imhallef appuntat biex jisma` l-kawzi kollha mill-istadju ta` fejn il-kawza kienet waslet quddiem l-Imhallef precedenti. Ma hemm assolutament xejn straordinarju f`dak anke kunsidrat il-fatt li ta` spiss, minhabba raguni jew ohra, jigri li kawza tibda tinstema` minn Imhallef partikolari u tispicca tkun deciza minn Imhallef iehor. Il-bdil tal-gudikant qatt ma ssir b`kapricc izda ssir fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja. U hekk ghandu jitqies il-kaz tal-lum. Li huwa importanti u ta` serhan tal-mohh ghall-partijiet huwa l-fatt li kull prova li tkun lahqet ingabret sal-mument tat-trapass minn Imhallef ghal iehor, kull digriet jew provvediment li jkun inghata, u kull procedura li tkun saret sa dakinhar tibqa` veljanti u effettiva propju ghaliex il-kawza fl-interezza taghha sejra tibqa` dik li hi bl-unika differenza tkun li l-Imhallef li sejjer jiddeciedi dik il-kawza mhux se jkun dak li beda jisma` l-istess kawza fil-bidu jew f`xi stadju ta` wara taghha.

Ir-rikorrent mhux qieghed jilmenta li kien privat mid-dritt ghal smigh xieraq quddiem Imhallfin ohra fil-kawzi in kwistjoni. Mhuwiex qed jilmenta li dak kollu li sar f`kull

wahda minn dawk il-kawzi kien sal-lum irregolari jew lesiv ghad-drittijiet tieghu, u kwindi ma jistax jitlaq mill-premessa li mil-lum `il quddiem bil-fatt li l-kawzi tieghu gew assenjati lil Imhallef wiehed id-dritt tieghu ghal smigh xieraq se jkun vjolat a *priori*.

Din il-Qorti tghid li kemm id-disposizzjoni kif ukoll t-twettieq taghha, *the rule of law* kif ukoll *due process* sejrin jibqghu mharsa ghaliex id-drittijiet kollha tal-partijiet, inkluz tar-rikorrent, sejrin jibqghu tutelati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Dan ighodd ghal kull ma jikkomprendi l-koncett ta` *due process*. Ir-rikorrent ma huwa se jinkorri l-ebda *actual prejudice* ghaliex dak li sar, twettaq jew inkiseb fid-diversi kawzi qabel il-bidla tal-Imhallef se jibqa` intatt ; inoltre id-dritt car, prattiku u effettiv tar-rikorrent ghal Qorti tal-Gustizzja se jibqa` dak li kien qabel id-decizjoni tal-Onor. Prim` Imhallef u sejjer jibqa` mhux mittiefes id-dritt tieghu ta` appell.

Ghalkemm fil-kawza tal-lum provi fis-sens li gej ma tressqux, il-bwon sens jiddetta li r-raguni tal-Onor. Prim` Imhallef illi l-kawzi in kwistjoni jmorru kollha quddiem Imhallef wiehed kienet dettata mill-fatt li sabiex ma jkunx hemm aktar dewmien fid-decizjoni ta` dawk il-kawzi, kien fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja li dawk il-kawzi jingabru flimkien sabiex jigu decizi lkoll minn Imhallef wiehed. Is-sens ta` *the rule of law* ma ghandux iwassal lir-rikorrent sabiex, fl-assenza ta` prova kuntrarja, jissupponi li divers seta` kien l-iskop tal-Onor. Prim` Imhallef fit-twettieq u fl-esercizzju tad-diskrezzjoni tieghu skond id-disposizzjoni *de qua*.

Huwa dak id-dewmien li jmur ben oltre l-limitu tar-ragonevoli fid-decizjoni tal-kawzi li jikser id-dritt tas-smigh xieraq skond l-Art.6 tal-Konvenzjoni. Din tqieghed fuq l-Istati membri d-dmir li jorganizzaw is-sistema gudizzjarja taghhom b`mod u manjiera li l-Qrati ikunu jistghu jikkonformaw ma` dak li jirrikjedi l-Art.6. Kemm id-disposizzjoni *ut sic* kif ukoll it-twettieq taghha fil-mertu tal-

kawza tal-lum huma pass konkret `il quddiem li jissarraf f`osservanza tal-ispirtu tal-Art.6 fil-kuntest ta` mizuri ntizi sabiex propju ma jkunx hemm dewmien bla bzonn fid-decizjoni ta` dawk il-kawzi. Ir-rikorrent ma jistax jallega li *the rule of law* kienet vjolata fil-konfront tieghu meta d-disposizzjoni nnfisha u l-uzu taghha saru propju sabiex id-dritt tal-partijiet ghal gustizzja fi zmien ragonevoli jibqa` effettiv u garantit mill-gudizzju ta` Qorti li skond il-Kostituzzjoni ta` Malta hija organu gudizzjarju indipendenti u mparzjali.

Din il-Qorti tibqa` ssostni li l-ebda wiehed mid-drittijiet tar-rikorrent li huma mharsa mill-Art.6(1) ma gew vjolati bid-disposizzjoni de qua u bl-implimentazzjoni taghha. Minghajr ma jgib provi cari u inekwivoci, ir-rikorrent ma jistax jaghmel l-argument li fil-konfront tieghu mhux se jkunu garantiti l-*standards* ta` gustizzja li huma vitali ghall-esistenza ta` *the rule of law.* Anzi jidher ben evidenti li l-principju tal-*equality of arms* fejn mhux biss ir-rikorrent izda anke l-avversarji tieghu se jibqghu bl-istess drittijiet u obbligi procedurali u sostantivi se jibqa` garantit. Kull parti sejra tibqa` bl-opportunita` li tressaq b`mod adegwat il-kaz taghha nkluz li tressaq il-provi minghajr ma ggarrab l-ebda zvantagg sostanzjali fil-konfront tal-parti l-ohra.

Din il-Qorti qieset bir-reqqa l-*Magna Carta of Judges* li ghaliha saret riferenza mir-rikorrent. Tghid pero` li la d-disposizzjoni u lanqas it-twettieq taghha fil-kaz tal-lum ma jmorru kontra l-principji hemm enuncjati. In partikolari b`ebda mod ma jistax jinghad li d-disposizzjoni u t-twettieq taghha jilledu l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Imhallef. Certament ma jistax jinghad li dan huwa kaz ta` *improper influence from within the judicial system either by other judges or by the judicial authorities.* Ma hemm l-ebda prova li bil-fatt li Imhallef partikolari sejjer jisma` u jiddeciedi l-kawzi kollha in kwistjoni huwa se jkollu sens ristrett jew limitat ta’ gudizzju u ta` Gustizzja, jew li se jgarrab xi pressjoni, jew tfixkil fil-qadi ta` dmirijietu.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li qeghda tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimati, qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet taghhom fil-mertu, u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------